**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U TLETIN 27ta' DIĊEMBRU, 2017**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, u l-Kunsilliera is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri attenda.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **34.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 34.1.1 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima, il-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, Dr Tiffany Ann Farrugia nfurmat li ma setgħux jattendu, minħabba raġunijiet ta' saħħa, xogħol u familjari. L-apoloġiji ġew aċċettati. **Dok 1** |
| | | |
| **34.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 34.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa jekk is-Sindku kienx kellem lil sid il-post ta' Vjal l-Indipendenza biex javża bil-proċeduri li jridu jittieħdu biex jitwaqqgħu d-djar, sabiex titwessa t-triq. |
| | | |
| 34.2.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-attivita' taż-żjara lill-morda fl-isptar kienet suċċess u jħoss il-ħtieġa li din titniżżel fil-kalendarju tal-Kunsill għal kull sena. |
| | | |
| 34.2.5 | | Ġew approvati l-minuti tal-tlieta u tletin –il seduta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***34.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA / KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| | | |
| 34.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 42 u 43 u l-minuti tal-laqgħa annwali .<br>Ġew approvati l-minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ numru 34. |
| | | |
| | | |
| 34.3.2 | | Is-Sindku taż-żgħażagħ Kaydem Schembri qal li l-proġett li fadal mill-kunsill lokali taż-żgħażagħ, hu li jitħawlu s-siġar fuq il-ġibjun. Is-Sindku taż-żgħażagħ Kaydem Schembri qal li kien avviċinat mis-sezzjoni żgħażagħ Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria biex iħawlu siġra fil-ġnien.<br>Kien hemm qbil li jiġi aċċettat dan il-ġest tajjeb. |
| | | |
| ***34.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 34.4.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| | | |
| ***34.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 34.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet stima ta' manutenzjoni ta' dawl f'Ħal Millieri, mingħand il-kuntrattur li ħadem il-proġett. Din tammonta għal 3,031.90Euro.<br>Kien hemm qbil li dan ix-xogħol isir fis-sena li ġejja minħabba li ser jinbiddlu l-proċeduri tal-istimi u t-tenders. |
| | | |
| 34.5.2 | | Is-Sindku qal li l-attivita' tal-anzjani kienet suċċess ukoll f'dan ix-xahar. |
| | | |
| 34.5.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva ittra mill-Planning Authority fejn informa li hemm applikazzjoni biex parti minn Triq il-Mitħna tal-Qaret jinbidlilha l-allignment tat-triq.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato għamel l-argumenti tiegħu fuq is-suġġett li ma jaqbilx b'dan it-tibdil, wara li anke meta sar il-proġett tat-triq, kemm il-PA u kemm TM ma qablux.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill joġġezzjona bl-għajnuna tal-perit. |
| | | |
| ***34.6*** | | ***Kuntratt – Greenpak*** |
| | | |
| 34.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kuntratt li l-Kunsill għandu mal-Green Pak skada.<br>Kien hemm qbil li jiġi ffirmat ieħor mal-istess kumpanija bl-istess kundizzjonijiet li kellu l-kuntratt preċedenti, għal sentgħejn oħra, jibda mid- 19ta' Diċembru, 2017. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***34.7*** | | ***Petizzjoni – Sistema tat-traffiku fi Triq il-Qrendi*** |
| | | |
| 34.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv wriet petizzjoni minn residenti ta’ Triq il-Qrendi, biex it-triq tiġi b’direzzjoni tat-traffiku waħda.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni ta’ Transport Malta fuq il-każ. |
| | | |
| | | |
| ***34.8*** | | ***Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri*** |
| | | |
| 34.8.1 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li kellu laqgħa mal-kuntrattur u l-contract manager tal-kunsill fuq ġnien il-Bennej, biex is-sistema tad-dawl tinbidel.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jingħata stima tax-xogħol meħtieġ u titressaq f’seduta oħra. Il-ħsieb hu li kull fejn hemm il-ħamrija, jiġi turf.<br>Kien hemm qbil ukoll li jiddaħħlu r-railings ‘l ġewwa u ssir gate. |
| | | |
| 34.8.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li fi Triq Santa Katarina hemm ‘u’ bar faċċata ta’ Daves supermarket magħwġa, jeħtieġ li tiġi rranġata.<br>Il-Kunsillier Joseph D’Amato ssuġġerixxa li titwessa l-bankina t-tul tat-triq kollha.<br>Kien hemm qbil fuq iż-żewġ suġġerimenti. |
| | | |
| 34.8.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Hemm bżonn li jinqata l-ħaxix minn fejn iċ-ċimiterju<br>• Hemm bżonn li issir manutenzjoni tad-dog bin fejn iċ-ċimiterju<br>• Fi Triq San Bartilmew qed jitfgħu l-iskart ma’ propjeta ta’ persuna u din aċċettat li twaħħal tabella.<br><br>Kien hemm qbil fuq dawn il-punti mqajma.<br><br>• Ġonna qed ikollhom ħafna ħaxix ħażin u miżmumin ħażin ħafna. Qatt ma ra fjuri la fil-ġonna u lanqas fis-central strips. Meta tali kuntratt ittieħed fuq dan il-bażi.<br><br>F’dan il-punt il-Kunsillier David Abdilla qal li fuq dan il-każ tkellem mal-contract manager. Il-contract manager ser jagħmel rapport u dan ir-rapport jitressaq fis-seduta li jmiss u wara jiġi mistieden il-kuntrattur għas-seduta biex jiġi mwissi. Wara l-Kunsill jieħu deċiżjoni jekk ikomplix bil-kuntratt. |
| | | |
| 34.8.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-ġnien l-Ewropa fi Triq Bronja, fih funtana li fiha ilma qiegħed. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem fuq il-każ mal-contract manager. |
| | | |
| 34.8.4 | | Il-Kunsillier Joseph D’Amato tkellem fuq il-culverts li saru fil-proġett ta’ Ħal Millieri. Hu qal li tali culverts saru ‘l fuq mill-art u biex dawn jiġu inqas mil-livell tal-art biex l-ilma jkun jista jidħol fihom, l-ispiża tiġi tiswa 500Euro.<br>Kien hemm qbil li jsir tali xogħol. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 34.8.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa meta ser tkun lesta Vjal ix-Xarolla. Is-Sindku qal li kien hemm PQ fuq il-każ u r-risposta kienet li x-xogħol ser ikun lest sa Marzu, 2018. |
| | | |
| | | |
| ***34.9*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 34.9.1 | | Dan l-item ġie mitkellem f'punti oħra preċedenti. |
| | | |
| | | |
| ***34.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 34.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€45,031.22.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-kunsilliera Pierre Farrugia u mill-Kunsillier Dino Bonnici. |
| | | |
| ***34.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 34.11.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-19:10. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 24ta' Jannar, 2018 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _24_ ta' JANNAR, 2018.

IFFRIMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**